**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2417

**tas-17 ta' Novembru 2017**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji u dwar l-obbligu tan-negozjar għal ċerti derivattivi**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 343, 22.12.2017, p. 48)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/749 tat-8 ta' Frar 2022 | L 138 | 4 | 17.5.2022 |

▼B

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2417

## tas-17 ta' Novembru 2017

## li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji u dwar l-obbligu tan-negozjar għal ċerti derivattivi

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

*Artikolu 1*

### Derivattivi soġġetti għall-obbligu ta' negozjar

Id-derivattivi mniżżla fl-Anness għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu tan-negozjar imsemmi fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

Derivattiva msemmija fit-Tabella 1, it-Tabella 2 u t-Tabella 3 tal-Anness għandha tiġi meqjusa li jkollha maturità ta' 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12, 15, 20 jew 30 sena meta l-perjodu ta' żmien bejn id-data li fiha l-obbligi taħt dak il-kuntratt jidħlu fis-seħħ u d-data tat-terminazzjoni tal-imsemmi kuntratt ikun ugwali għal wieħed minn dawk il-perjodi, biż-żieda jew bit-tnaqqis ta' ħamest ijiem.

*Artikolu 2*

### Id-dati li minnhom jibda l-obbligu tan-negozjar

L-obbligu ta' negozjar imsemmi fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 għandu, għal kull kategorija ta' kontropartijiet imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2205 u l-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/592, jidħol fis-seħħ fl-aħħar waħda mid-dati li ġejjin:

(a) it-3 ta' Jannar 2018;

(b) id-data msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/2205 jew l-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/592 għal dik il-kategorija ta' kontropartijiet.

*Artikolu 3*

### Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

*ANNESS*

**Derivattivi soġġetti għall-obbligu ta' negozjar**

*Tabella 1*

**Swaps tar-rati tal-imgħax fixed-to-float denominati f'EUR**

| **Swaps tar-rati tal-imgħax tal-munita unika fixed-to-float — f'EUR EURIBOR 3 u 6M** | | |
|---|---|---|
| Il-munita tas-saldu | **EUR** | **EUR** |
| It-tip tal-bidu tan-negozjar | Spot (T+2) | Spot (T+2) |
| Opzjonalità | Le | Le |
| Il-perjodu ta' maturità | 2,3,4,5,6,7,8,9,10,12,15-,20,30S | 2,3,4,5,6,7,10,15,20,30S |
| Tip Nozzjonali | Kostanti Nozzjonali | Kostanti Nozzjonali |
| **Il-komponent fiss** | | |
| Frekwenza tal-pagament | Annwali jew semi-annwali | Annwali jew semi-annwali |
| Konvenzjoni għall-għadd tal-jiem | 30/360 jew Propja/360 | 30/360 jew Propja/360 |
| **Il-komponent varjabbli** | | |
| Indiċi ta' referenza | EURIBOR 6M | EURIBOR 3M |
| Frekwenza ta' bidu mill-ġdid | Kull sitt xhur jew kull tliet xhur | Kull tliet xhur |
| Konvenzjoni għall-għadd tal-jiem | Propja/360 | Propja/360 |

▼M1

__________

▼B

*Tabella 4*

**Indiċi tas-CDS**

| Tip | Tip sekondarju | Żona ġeografika | Indiċi ta' referenza | Munita tas-Saldu | Serje | Il-perjodu ta' maturità |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Indiċi tas-CDS | Indiċi mhux segmentat | Ewropa | iTraxx Europe Main | EUR | serje on-the-run l-ewwel serje off-the-run | 5s |
| Indiċi tas-CDS | Indiċi mhux segmentat | Ewropa | iTraxx Europe Crossover | EUR | serje on-the-run l-ewwel serje off-the-run | 5s |